MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 3/2009

Caruana and Cini Company Limited,
Satariano Design Concepts Limited.

vs

Avukat Dr. Joseph Borg Bartolo
Li b'degriet tat-13 ta' Marzu 2009
Ġie nominat Kuratur deputat s
Sabiex jidher ghall-imsiefer Fergus Courtney.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjetajiet atturi talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti li jħallashom is-somma ta' elfejn ħames mija u tlett euro u ħamsa u għoxrin euro ċenteżmu (Eu 2,503.25) flimkien mal-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-konsenja sad-data tal-ħlas relattiv. L-ammont dovut jirrappreżenta bilanċ ta' ħlas dovut mill-konvenut għal għamara u oġġetti mixtrija minnu mingħand l-atturi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Settembru 2008.

Inti konvenut mħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi nġunt.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eċċepixxa illi:
1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-imsiefer Fergus Courtney huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, billi ma għad hemmx l-ebda ammont dovut minnu lill-atturu u għaliex kull ammont li kien dovut huwa diġa mħallas a saldu kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk l-eċċipjenti ma hux responsabbli għal imsemmi allegat bilanċ ta' ħlas;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-digriet tagħha ta'l-1 ta' Diċembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetajiet atturi qed jitolbu mingħand il-konvenut nomine l-ħlas ta' bilanċ minn somma akbar dovuta għall-bejgħ ta' għamara għall-kċina u diversi oġġetti mobbli oħra bl-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-konsenja sad-data tal-ħlas relattiv. Il-konvenut nomine oppona t-talba u jsostni li m'hemm l-ebda bilanċ li għadu dovut.

It-talba għall-ħlas f'din il-kawża hija għas-somma ta' elfejn ħames mija u tliet euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (EUR2503.25) u l-imgħaxijiet relattivi. Imma, għalkemm ma tressqet ebda eċċezzjoni f'dan is-sens, il-Qorti hija obbligata li minn jeddha tqajjem kwistjoni dwar il-

kompetenza tagħha biex tisma' dan il-każ. Kif inhu magħruf, ir-regoli ta' proċedura huma materja ta' ordni pubbliku li ma jistgħux jiġu njorati mill-Qorti.

Għalhekk billi l-artikolu 56A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jistabilixxi li : "**Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi l-qrati infejuri ma għandhomx jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Trubunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Żgħar**."

Billi mbagħad l-artikolu 3(2) ta' dan l-Att (Kap. 380) jistipula li: "**Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):**
**Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' l-istess talba**."

Għalhekk, anke jekk ma' l-ammont indikat fl-Avviż kellhom jiżdiedu l-imgħaxijiet li skond is-soċjetajiet atturi laħqu akkumulaw mid-data tal-konsenja sa meta ġiet ippreżentata l-kawża, f'tentattiv li tiġi salvata l-kawża, xorta waħda jiġi li l-ammont mitlub huwa inqas minn dak imsemmi fil-liġi. Konsegwentement, peress li t-talba preżenti ma teċċedix l-ammont li jaqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal imsemmi, ma jibqagħla ebda għażla ħlief li tiddikjara ruħha inkompetenti li tkompli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.

Għal dawn il-motivi, tiddikjara ruħha inkompetenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż kontra s-socjetajiet atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------